# Linji Gwida

**Dwar l-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja**

23/11/2020 | ESMA32-50-218

## Werrej

I. Kamp ta’ applikazzjoni ... 3
II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet ... 4
III. Skop ... 8
IV. Obbligi ta’ Konformità u ta’ Rapportar ... 9
V. Linji Gwida dwar l-Infurzar ... 10
Sfond ... 10
Objettiv tal-infurzar ... 11
Kunċett tal-infurzar ... 12
Kamp ta’ applikazzjoni tal-infurzar ... 12
Infurzaturi Ewropej ... 13
Approvazzjoni minn qabel ... 15
Metodi ta’ Selezzjoni ... 16
Proċeduri ta’ eżaminazzjoni ... 17
Azzjonijiet ta’ infurzar ... 19
Koordinazzjoni Ewropea ... 20
Kwistjonijiet emerġenti u deċiżjonijiet ... 21
Rapportar ... 23

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) inkarigati mill-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza. Dawn huma maħsubin ukoll sabiex japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li mhumiex Stati Membri tal-UE, sa fejn id-Direttiva dwar it-Trasparenza hija applikabbli f'dawn il-pajjiżi.

**X'inhu?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza sabiex jiżguraw li l-informazzjoni finanzjarja fid-dokumenti armonizzati provduti mill-emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat tikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva dwar it-Trasparenza.

3. Din tinkludi informazzjoni finanzjarja dwar l-emittenti diġà elenkati f'suq regolat li huma soġġetti għad-Direttiva dwar it-Trasparenza, kif meħtieġ minn dik id-Direttiva. Skont il-każ, din tista' tinkludi wkoll informazzjoni finanzjarja tal-emittenti minn pajjiżi terzi li jużaw oqfsa tar-rapportar finanzjarju li ġew iddikjarati ekwivalenti għal IFRS, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1569/2007.

4. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għall-infurzar tad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja skont l-Artikolu 19a u l-Artikolu 29a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

5. L-awtoritajiet kompetenti u entitajiet rilevanti oħrajn jistgħu jagħżlu li jsegwu dawn il-linji gwida anke meta jinfurzaw informazzjoni finanzjarja bbażata fuq rekwiżiti oħrajn li l-emittenti għandhom jikkonformaw magħhom skont il-liġi nazzjonali.

**Meta?**

6. Dawn il-linji gwida se jidħlu fis-seħħ xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

7. Sakemm l-infurzaturi ma jiddeċidux li jimplimentaw il-bidliet qabel, il-Linji Gwida riveduti 5, 6, 6a u 6b se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2022.

# II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, it-termini li jintużaw u ġew definiti fid-Direttiva dwar it-Trasparenza għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Ftit mit-termini ddefiniti fid-Direttiva dwar it-Trasparenza huma ripetuti hawn taħt għall-ħeffa ta' referenza. Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet, ir-referenzi leġiżlattivi u t-taqsiriet li ġejjin:

**Referenzi leġiżlattivi**

| | |
|---|---|
| *Id-Direttiva dwar il-Kontabilità* | Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 95 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (kif emendata bid-Direttiva 2014/95/UE). |
| *Id-Direttiva dwar il-kontijiet ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn* | Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn |
| *Ir-Regolament ESMA* | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/2175) |
| *Ir-Regolament IAS* | Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità |
| *Id-Direttiva dwar il-kontijiet annwali tal-assigurazzjoni* | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni |

| | |
|---|---|
| *Id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji jew MiFID II* | Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE |
| *Id-Direttiva dwar it-Trasparenza* | Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (kif emendata bid-Direttiva 2013/50/UE). |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *KRET* | Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli |
| *ŻEE* | Żona Ekonomika Ewropea |
| *EECS* | Seduti ta' Koordinazzjoni tal-Infurzaturi Ewropej |
| *ESMA* | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *UE* | Unjoni Ewropea |
| *GAAP* | Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati |
| *IASB* | Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità |
| *IFRS* | Standards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju |
| *IFRS IC* | Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju |

## Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| *Id-Direttivi dwar il-Kontabilità* | Id-Direttivi dwar il-Kontabilità jirreferu għad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn |
| *Nota ta' korrezzjoni* | Ħruġ minn infurzatur jew emittent, kif mibdi jew meħtieġ minn infurzatur, ta' nota li tagħmel pubblika dikjarazzjoni skorretta materjali dwar punt(i) partikolari inkluż(i) f'informazzjoni finanzjarja ppubblikata diġà u, sakemm mhux imprattikabbli, l-informazzjoni korretta. |
| *Infurzar ta' informazzjoni finanzjarja* | Eżaminar tal-konformità tal-informazzjoni finanzjarja mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, billi jittieħdu miżuri adegwati fejn jiġi skopert ksur matul il-proċess ta' infurzar, b'konformità mar-regoli applikabbli skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza u billi jittieħdu miżuri oħrajn rilevanti għall-iskop ta' infurzar. |
| *Infurzatur/Infurzatur Ewropew* | Awtoritajiet kompetenti jew korpi li jaġixxu f'isimhom fiż-ŻEE b'konformità mar-regoli applikabbli skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza. |
| *Dikjarazzjoni finanzjarja* | Dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u interim ippreparati skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti kif iddefinit hawn taħt |
| *Dokumenti armonizzati* | Dokumenti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija meħtieġa mid-Direttiva dwar it-Trasparenza |
| *Stat Membru ta' oriġini* | L-Istat Membru ta' oriġini kif iddefinit fl-Artikolu 2.1(i) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza |
| *Stat Membru ospitanti* | L-Istat Membru ospitanti kif iddefinit fl-Artikolu 2.1(j) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza |
| *Emittent* | Emittent kif iddefinit fl-Artikolu 2.1(d) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza minbarra "persuni fiżiċi" |
| *Operatur fis-suq* | Operatur fis-suq kif iddefinit fl-Artikolu 4.1.18 tad-Direttiva MiFID II |

| | |
|---|---|
| *Informazzjoni regolata* | Informazzjoni regolata kif iddefinita fid-Direttiva dwar it-Trasparenza, jiġifieri l-informazzjoni kollha li l-emittent, jew kwalunkwe persuna oħra li tkun applikat għall-ammissjoni ta' titoli għall-kummerċ f'suq regolat mingħajr il-kunsens tal-emittent, huwa meħtieġ li jiżvela skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)[1], jew skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru adottati skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza. |
| *Suq irregolat* | Suq irregolat kif iddefinit fl-Artikolu 4.21 tad-Direttiva MiFID II |
| *Qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti* | IFRS u oqfsa tar-rapportar finanzjarju meqjusin ekwivalenti għall-IFRS ibbażati fuq ir-Regolament KE 1569/2007[2] kif ukoll għall-prinċipji kontabilistiċi nazzjonali ġeneralment aċċettati (GAAPs nazzjonali) li jintużaw fiż-ŻEE. Dan jinkludi wkoll rekwiżiti għar-rapporti tal-ġestjoni li jirriżultaw mid-Direttiva dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali. |

***Tipi ta' eżaminazzjonijiet***

| | |
|---|---|
| *Eżaminazzjoni tad-desktop iffukata tal-informazzjoni finanzjarja* | Il-valutazzjoni ta' jekk kwistjonijiet / oqsma definiti minn qabel fl-informazzjoni finanzjarja inkluża f'dokument armonizzat wieħed jew aktar ta' emittent humiex f'konformità jew le mal-qafas ta' rapportar finanzjarju rilevanti. L-eżaminazzjoni tad-desktop iffukata ma tinvolvi l-ebda interazzjoni bejn l-infurzatur u l-emittent. Abbażi tal-proċeduri ta' eżaminazzjoni meħuda, l-infurzatur jikkonkludi jekk hemmx indikazzjonijiet li jeżisti ksur fir-rigward tal-kwistjonijiet / oqsma definiti minn qabel analizzati. |
| *Eżaminazzjoni tad-desktop bla limitu tal-informazzjoni finanzjarja* | L-evalwazzjoni tal-kontenut kollu kemm hu tal-informazzjoni finanzjarja inkluża f'dokument armonizzat wieħed jew aktar ta' emittent sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet / oqsma li, fil- |

[1] Id-Direttiva 2003/6/KE tħassret bir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014. Minn din id-data, ir-referenzi għandhom jinftiehmu bħala referenzi għar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiż terz ta' titoli skont id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 310/2012 tal-21 ta' Diċembru 2011

| | |
|---|---|
| | fehma tal-infurzatur, jeħtieġu aktar analiżi, u l-valutazzjoni sussegwenti ta' jekk l-informazzjoni finanzjarja relatata ma' dawk il-kwistjonijiet / l-oqsma hijiex f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. L-eżaminazzjoni tad-desktop bla limitu ma tinvolvi l-ebda interazzjoni bejn l-infurzatur u l-emittent. Abbażi tal-proċeduri tal-eżaminazzjoni meħuda, l-infurzatur jikkonkludi jekk hemmx indikazzjonijiet li jeżisti ksur fl-informazzjoni finanzjarja analizzata. |
| *Eżaminazzjoni interattiva ffukata tal-informazzjoni finanzjarja* | Il-valutazzjoni ta' jekk kwistjonijiet / oqsma definiti minn qabel fl-informazzjoni finanzjarja inkluża f'dokument armonizzat wieħed jew aktar ta' emittent humiex f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. L-eżaminazzjoni interattiva ffukata tinvolvi interazzjoni bejn l-infurzatur u l-emittent. Abbażi tal-proċeduri tal-eżaminazzjoni meħuda u l-informazzjoni li tkun waslet mingħand l-emittent, l-infurzatur jikkonkludi jekk ikunx skopra ksur fir-rigward tal-kwistjonijiet / oqsma definiti minn qabel analizzati. |
| *Eżaminazzjoni interattiva bla limitu tal-informazzjoni finanzjarja* | L-evalwazzjoni tal-kontenut kollu kemm hu tal-informazzjoni finanzjarja inkluża f'dokument armonizzat wieħed jew aktar ta' emittent sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet / oqsma li, fil-fehma tal-infurzatur, jeħtieġu aktar analiżi, u l-valutazzjoni sussegwenti ta' jekk l-informazzjoni finanzjarja relatata ma' dawk il-kwistjonijiet / l-oqsma hijiex f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. L-eżaminazzjoni interattiva bla limitu tinvolvi interazzjoni bejn l-infurzatur u l-emittent. Abbażi tal-proċeduri tal-eżaminazzjoni meħuda u l-informazzjoni li tkun waslet mingħand l-emittent, l-infurzatur jikkonkludi jekk ikunx skopra ksur fir-rigward tal-kwistjonijiet / oqsma analizzati. |

# III. Skop

8. L-ESMA tista' toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA fir-rigward tal-atti msemmijin fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ESMA, li jinkludi d-Direttiva dwar it-Trasparenza, sabiex jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fir-rigward ta', u li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti ta' tali atti. Ibbażati partikolarment fuq l-objettivi skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv u konsistenti, u d-dispożizzjonijiet li jeħtieġu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jeżaminaw li l-informazzjoni finanzjarja ppubblikata skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza titfassal skont il-qafas tar-rapportar rilevanti, l-ESMA tqis li dawn il-linji gwida jaqdu tali skopijiet.

9. B'mod iżjed preċiż, l-iskop ta' dawn il-linji gwida huwa li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi u li tiġi żgurata applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti

tad-dritt tal-Unjoni li ssaħħaħ approċċ komuni, kif imniżżel fil-Premessa 16 tar-Regolament IAS, dwar l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza sabiex jinkiseb reġim ta' infurzar xieraq u rigoruż li jsaħħaħ il-fiduċja tal-investituri fis-swieq finanzjarji u sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq prinċipji u jiddefinixxu l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, jistabbilixxu liema karatteristiċi għandu jkollhom l-infurzaturi, jiddeskrivu t-tekniki ta' selezzjoni li għandhom jiġu segwiti u aspetti oħrajn tal-metodoloġija ta' infurzar, jiddeskrivu t-tipi ta' azzjonijiet ta' infurzar li għandhom jintużaw mill-infurzaturi u jispjegaw kif l-attivitajiet ta' infurzar huma kkoordinati fi ħdan l-ESMA.

10. Fl-2019, id-definizzjonijiet, il-Linji Gwida 5, 6, 6a u 6b tal-Linji Gwida dwar l-Infurzar tal-informazzjoni finanzjarja ġew riveduti biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mir-Rieżami bejn il-Pari[3] li twettaq fl-2017 dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Dawn il-modifiki għandhom l-għan li jsaħħu l-konverġenza superviżorja fil-qasam tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja billi jkomplu jarmonizzaw il-proċeduri meħuda mill-Infurzaturi meta jeżaminaw informazzjoni finanzjarja ppubblikata minn emittenti f'konformità mad-Direttiva dwar it-Trasparenza.

11. Fl-aħħar nett, f'konformità mal-Artikolu 24 (4a) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat investigattivi kollha li huma meħtieġa għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mal-liġi nazzjonali.

# IV. Obbligi ta' Konformità u ta' Rapportar

**Status tal-linji gwida**

12. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw magħhom.

13. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom. L-ESMA tinnota li r-responsabbiltajiet ta' infurzar koperti minn dawn il-linji gwida jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti nnominati f'kull Stat Membru jew minn entitajiet li jkunu rċevew delegazzjoni għal dan l-iskop.[4] Madankollu, ir-responsabbiltà finali għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-Trasparenza tibqa' tal-awtorità kompetenti nnominata. Irrispettivament mill-entità li fil-prattika twettaq l-infurzar, l-awtoritajiet

[3] ESMA 42-111-4138 Peer Review Report – Peer Review on Guidelines on Enforcement of financial information (Rapport ta' Rieżami bejn il-Pari - Rieżami bejn il-Pari tal-Linji Gwida dwar l-Infurzar ta' informazzjoni finanzjarja), 18 ta' Lulju 2017, ESMA, Pariġi

[4] L-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza

kompetenti jibqgħu taħt l-obbligu li jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

**Rekwiżiti għar-rapportar**

14. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn jikkonformawx jew beħsiebhom jikkonformaw mal-linji gwida, billi jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom f'każ li dawn ma jikkonformawx jew beħsiebhom ma jikkonformawx, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, lil corporate.reporting@esma.europa.eu. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu bħala mhux konformi. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrappurtata ukoll lill-ESMA.

# V. Linji Gwida dwar l-Infurzar

**Sfond**

15. Il-Premessa 16 tar-Regolament IAS tipprevedi: "Reġim xieraq u rigoruż tal-infurzar huwa l-qofol tat-tisħiħ tal-fiduċja tal-investituri fis-swieq finanzjarji. L-Istati Membri, permezz tal-Artikolu 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huma meħtieġa li jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jassiguraw il-konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabilità. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li żżomm kuntatt mal-Istati Membri, notevolment permezz tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (KRET), sabiex tiżviluppa approċċ komuni dwar l-infurzar."

16. Għal dan l-għan, il-KRET, il-predeċessur tal-ESMA, stabbilixxa s-Seduti ta' Koordinazzjoni tal-Infurzaturi Ewropej (EECS), forum fejn l-infurzaturi nazzjonali jikkondividu opinjonijiet u jiddiskutu esperjenzi relatati mal-infurzar tar-rekwiżiti għar-rapportar finanzjarju. L-EECS huwa grupp permanenti li jirrapporta għand il-Kumitat Permanenti għar-Rappurtar Korporattiv (CRSC) tal-ESMA.

17. Kif indikat fit-termini ta' referenza tiegħu li ġew riveduti fl-2013, l-attivitajiet prinċipali tal-EECS huma dawn li ġejjin:

- Jiddiskuti kwistjonijiet emerġenti mressqa minn infurzaturi Ewropej jew mill-ESMA
- Jiddiskuti deċiżjonijiet u azzjonijiet meħudin minn infurzaturi Ewropej imressqa għall-bażi ta' *data* tal-EECS
- Meta jkunu ġew identifikati kwistjonijiet rilevanti bħala mhux koperti minn standards tar-rapportar finanzjarju jew bħala soġġetti għal interpretazzjonijiet kunfliġġenti, jipprepara l-kwistjonijiet għal riferiment lil korpi ta' ffissar tal-istandards jew lil dawk interpretattivi bħall-IASB u l-IFRS IC.
- Jikkondividi u jqabbel esperjenzi prattiċi fil-qasam tal-infurzar bħal selezzjoni, valutazzjoni tar-riskju, metodoloġija ta' reviżjoni, kuntatti mal-emittenti u l-awdituri

- Jagħżel u jipprepara l-komunikazzjoni ta' prijoritajiet ta' infurzar komuni
- Jipprovdi parir dwar kwistjonijiet ta' infurzar u jfassal dikjarazzjonijiet, opinjonijiet jew linji gwida tal-ESMA
- Jassisti lil ESMA fit-twettiq ta' studji jew reviżjonijiet dwar kif l-IFRS jiġu applikati fil-prattika
- Jagħti pariri lill-ESMA dwar il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet magħżula
- Jorganizza seduti edukattivi għall-infurzaturi.

18. Il-KRET żviluppa l-Istandards Nru 1 u 2 dwar l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja fl-Ewropa f'April 2003 u April 2004 rispettivament (CESR/03-073 u CESR/03-317c). Dawn l-istandards ipprevedew approċċ komuni billi stabbilixxew prinċipji li jiddefinixxu l-infurzar, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-karatteristiċi tal-infurzatur, it-tekniki ta' selezzjoni u metodi ta' infurzar oħrajn li huma applikabbli, azzjonijiet u koordinazzjoni tal-infurzar.

19. L-użu tal-istandards u tad-diskussjonijiet fl-EECS dwar id-deċiżjonijiet tal-infurzar u esperjenzi oħrajn fl-infurzar wasslu għall-ħolqien ta' grupp skont is-CRSC li jwettaq studju li jistħarreġ l-azzjonijiet meħudin. Dan irriżulta f'deċiżjoni meħuda minn CRSC f'Ġunju 2010 għar-reviżjoni tal-Istandards dwar l-Infurzar tal-KRET, li tqis l-esperjenzi miksubin bl-użu tal-istandards mill-2005 'l hawn.

20. Fl-2017, l-ESMA wettqet Rieżami bejn il-Pari dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. B'riżultat tal-konklużjonijiet u s-sejbiet ta' dan ir-Rieżami bejn il-Pari, id-definizzjonijiet u l-Linji Gwida 5 u 6 ġew riveduti u l-Linji Gwida 6a u 6b ġew inklużi.

21. Dawn il-linji gwida huma r-riżultat ta' dan ix-xogħol. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipji u l-prinċipji prinċipali qegħdin b'tipa sewda filwaqt li l-paragrafi ta' spjegazzjoni, li jelaboraw u jeżemplifikaw qegħdin b'tipa griża. Sabiex ikun hemm konformità ma' dawn il-linji gwida, l-infurzatur għandu jikkonforma mal-linji gwida kollha, dawk b'tipa sewda kif ukoll b'tipa griża.

### Objettiv tal-infurzar

22. **L-objettiv tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja inkluża fid-dokumenti armonizzati huwa li jsir kontribut għal applikazzjoni konsistenti tal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti u, b'hekk, għat-trasparenza tal-informazzjoni finanzjarja rilevanti għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-investituri u utenti oħrajn tad-dokumenti armonizzati. Permezz tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja, l-infurzaturi jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-investituri u l-promozzjoni tal-fiduċja fis-suq kif ukoll l-evitar tal-arbitraġġ regolatorju.**

23. Sabiex l-investituri u utenti oħrajn tad-dokumenti armonizzati jkunu jistgħu jqabblu l-informazzjoni finanzjarja ta' emittenti differenti, huwa importanti li din l-informazzjoni tkun ibbażata fuq applikazzjoni konsistenti tal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, fis-sens

li jekk il-fatti u ċ-ċirkostanzi huma simili, ir-rikonoxximent, il-preżentazzjoni, il-kejl u/jew l-iżvelar se jkunu simili sal-punt meħtieġ minn dak il-qafas tar-rapportar finanzjarju.

24. Sabiex jiġi żgurat li l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja fiż-ŻEE kollha jitwettaq b'mod simili, l-infurzaturi għandhom jifhmu l-prinċipji bl-istess mod hekk kif inhuma stabbiliti f'dawn il-linji gwida u jirreaġixxu b'mod konsistenti jekk jinstabu devjazzjonijiet mill-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti.

25. Dan huwa maħsub mhux biss sabiex jippromwovi applikazzjoni konsistenti tal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, li tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern, li huwa importanti wkoll għall-istabilità finanzjarja, iżda wkoll sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju.

**Kunċett tal-infurzar**

26. **Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja huwa definit bħala l-eżaminar tal-konformità tal-informazzjoni finanzjarja mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, billi jittieħdu miżuri adegwati fejn jiġi skopert ksur matul il-proċess ta' infurzar b'konformità mar-regoli applikabbli skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza u billi jittieħdu miżuri oħrajn rilevanti għall-iskop ta' infurzar.**

27. L-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja jimplika l-eżaminar tal-informazzjoni finanzjarja sabiex jiġi vvalutat jekk din hijiex konformi mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. Sabiex l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja jkun effettiv, l-infurzaturi għandhom ukoll jieħdu azzjonijiet xierqa skont dawn il-linji gwida, fejn jinstabu devjazzjonijiet mill-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, sabiex jiġi garantit li, fejn neċessarju, il-parteċipanti fis-suq ikollhom informazzjoni preċiża li tikkonforma mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti.

28. L-infurzaturi jistgħu wkoll jippruvaw iħeġġu l-konformità billi joħorġu twissijiet u pubblikazzjonijiet oħrajn sabiex jgħinu lill-emittenti fit-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti.

**Kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar**

29. **Dawn il-linji gwida japplikaw għall-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja f'dokumenti armonizzati provduti mill-emittenti. Dawn jistgħu jiġu segwiti wkoll meta tiġi infurzata informazzjoni finanzjarja bbażata fuq rekwiżiti oħrajn li l-emittenti għandhom jissodisfaw skont liġi nazzjonali.**

30. Kif indikat fl-introduzzjoni ta' dawn il-linji gwida, dawn jistgħu japplikaw fir-rigward ta' kwalunkwe qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti applikat mill-emittenti elenkati taż-ŻEE għaliex il-bżonn ta' protezzjoni tal-investituri ma jiddependix fuq liema qafas tar-rapportar finanzjarju jkun qed jintuża mill-emittent. L-IFRS huma obbligatorji għall-emittenti kollha li l-uffiċċju rreġistrat tagħhom jinsab fiż-ŻEE fil-kontijiet konsolidati tagħhom filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu li jintuża GAAP lokali f'dikjarazzjonijiet finanzjarji individwali.

31. Madankollu, il-linji gwida ma japplikawx għall-infurzar tad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja skont l-Artikolu 19a u l-Artikolu 29a tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

32. **Linja Gwida 1: Meta tiġi infurzata informazzjoni finanzjarja maħruġa minn emittenti li l-uffiċċju rreġistrat tagħhom jinsab barra miż-ŻEE (emittenti minn pajjiżi terzi) f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, l-infurzaturi Ewropej għandhom jiżguraw li jkollhom aċċess għal riżorsi adegwatament kompetenti jew inkella għandhom jikkoordinaw l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja mal-ESMA u ma' infurzaturi Ewropej oħrajn sabiex jiġi żgurat li jkollhom ir-riżorsi u l-kompetenza adegwati. L-infurzaturi Ewropej għandhom jikkoordinaw l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja mal-ESMA sabiex tiġi żgurata konsistenza fit-trattament tal-informazzjoni finanzjarja ta' tali infurzaturi.**

33. Skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, l-informazzjoni finanzjarja tal-emittenti minn pajjiżi terzi hija soġġetta għal infurzar mill-infurzatur fl-Istat Membru tal-oriġini fiż-ŻEE. F'tali każijiet, l-informazzjoni finanzjarja ta' emittent tista' titħejja billi jintużaw, minflok IFRS kif approvat mill-UE, Prinċipji ta' Kontabilità Ġeneralment Aċċettati (GAAP) oħrajn li ġew iddikjarati bħala ekwivalenti skont ir-Regolament KE Nru 1569/2007. Dawn il-linji gwida japplikaw ukoll għall-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja tal-emittenti b'uffiċċju rreġistrat f'pajjiżi terzi li jużaw oqfsa tar-rapportar finanzjarju li ġew iddikjarati bħala ekwivalenti għall-IFRS, skont ir-Regolament imsemmi hawn fuq u emendi ulterjuri.

34. F'tali każijiet, jekk l-infurzatur Ewropew jiddetermina li mhuwiex effiċjenti jew possibbli li jitwettaq l-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja stess, l-infurzatur jista', bi ftehim, jirreferi l-kompitu ta' eżaminazzjoni tal-konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti bi ftehim lil infurzatur ieħor jew tim ċentralizzat li għandu jiġi organizzat mill-ESMA fuq talba tal-infurzaturi. Madankollu, ir-responsabbiltà tad-deċiżjoni ta' infurzar tibqa' dejjem tal-infurzatur tal-Istat Membru tal-oriġini fiż-ŻEE.

35. Skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza l-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni li jipprevedu l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi li għandhom is-setgħa permezz tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom li jwettqu kwalunkwe dmir assenjat mid-Direttiva.

### Infurzaturi Ewropej

36. Skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, ir-responsabbiltajiet ta' infurzar jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti nnominati minn kull Stat Membru u/jew f'ċerti każijiet minn entitajiet oħra li jkunu rċevew delegazzjoni għal dan l-iskop.

37. Skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, l-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità amministrattiva kompetenti ċentrali responsabbli għat-twettiq tal-obbligi previsti fid-Direttiva u biex tiżgura li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet adottati skont id-Direttiva. Madankollu, meta jiġi eżaminat jekk l-informazzjoni msemmija fid-Direttiva dwar it-Trasparenza hijiex imfassla skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti u meta jittieħdu miżuri adegwati f'każ ta' ksur skopert, l-Istati Membri jistgħu jinnominaw awtorità kompetenti li mhijiex l-awtorità kompetenti ċentrali.

38. L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll lill-awtorità kompetenti ċentrali tagħhom tiddelega dmirijiet. L-awtorità kompetenti nnominata hija responsabbli għall-infurzar, kemm jekk twettaq l-infurzar hi stess kif ukoll jekk tkun iddelegat id-dmir lil entità oħra. Kwalunkwe entità delegata bħal din għandha tiġi sorveljata mill-awtorità li tiddelega u tkun responsabbli lejha. Ir-responsabbiltà finali għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-Trasparenza, inkluża r-responsabbiltà għall-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' proċess xieraq għall-infurzar tibqa', fi kwalunkwe każ, tal-awtoritajiet kompetenti nnominati tal-Istati Membri rilevanti.

39. Skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, is-setgħat disponibbli għal infurzatur għall-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja jinkludu tal-inqas:

a) is-setgħa li jeżamina l-konformità tal-informazzjoni finanzjarja fid-dokumenti armonizzati mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti,

b) id-dritt li jitlob kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni mill-emittenti u l-awdituri tagħhom,

c) il-kapaċità li jwettaq spezzjonijiet fuq il-post; u

d) s-setgħa li jiżgura li l-investituri jiġu infurmati dwar ksur materjali skopert u jkunu provduti b'informazzjoni korretta fil-ħin.

40. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti kollha tkun tista' tinkiseb bħala parti mill-proċess ta' infurzar, meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, l-infurzaturi għandhom, skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza, is-setgħa li jitolbu informazzjoni mid-detenturi ta' ishma jew persuni oħra li jeżerċitaw drittijiet għal vot fuq emittent u l-persuni li jikkontrollawhom jew huma kkontrollati minnhom.

41. Meta jwettqu l-funzjoni tagħhom, l-infurzaturi għandhom jeħtieġu l-informazzjoni neċessarja irrispettivament minn jekk teżistix jew le indikazzjoni fir-rigward tan-nonkonformità tal-informazzjoni finanzjarja mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti.

42. **Linja Gwida 2: L-infurzaturi għandhom jiżguraw l-effettività tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja. Sabiex jagħmlu dan, għandu jkollhom biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv. Il-manodopera għandu jkollha ħiliet professjonali, esperjenza fl-oqfsa tar-rapportar finanzjarju rilevanti u tkun suffiċjenti fin-numru, filwaqt li tqis in-numru ta' emittenti soġġetti għall-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja, il-karatteristiċi tagħhom, il-kumplessità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom u l-kapaċità tagħhom li japplikaw il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti.**

43. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-informazzjoni finanzjarja, l-infurzaturi għandu jkollhom biżżejjed riżorsi. Meta jitqies il-livell ta' manodopera meħtieġ, in-numru ta' emittenti fl-ambitu tal-infurzar, il-kumplessità tal-informazzjoni finanzjarja kif ukoll il-kapaċità ta' dawk li jħejju l-informazzjoni finanzjarja u tal-awdituri li japplikaw il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti għandhom rwol importanti. Il-probabbiltà li wieħed jintgħażel għall-eżaminazzjoni u l-livell sa fejn titwettaq din l-eżaminazzjoni m'għandhomx ikunu ristretti minħabba nuqqas ta' riżorsi li jirriżulta fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-arbitraġġ regolatorju.

44. Għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi finanzjarji sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jintuża l-ammont ta' manodopera u servizzi neċessarji fl-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja. Ir-riżorsi finanzjarji għandhom ikunu wkoll biżżejjed sabiex jiġi żgurat li l-manodopera jkollha ħiliet professjonali u esperjenza.

45. **Linja Gwida 3: L-infurzaturi għandhom jiżguraw indipendenza adegwata mill-gvern, mill-emittenti, mill-awdituri, minn parteċipanti oħra fis-suq u minn operaturi fis-suq irregolat. L-indipendenza mill-gvern timplika li l-gvern ma jistax jinfluwenza b'mod inadegwat id-deċiżjonijiet meħudin mill-infurzaturi. L-indipendenza mill-emittenti u l-awdituri għandha, fost oħrajn, tinkiseb permezz ta' kodiċi ta' etika u permezz tal-kompożizzjoni tal-Bord tal-infurzatur.**

46. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-investituri u jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, huwa importanti li l-infurzatur ma jkunx influwenzat b'mod inadegwat mill-membri tas-sistema politika jew inkella mill-emittenti u l-awdituri tagħhom. Ir-responsabbiltajiet ta' infurzar m'għandhomx ikunu ddelegati lill-operaturi fis-suq għaliex dan jista' joħloq problemi ta' kunflitt ta' interess peress li l-emittenti soġġetti għall-infurzar fl-istess ħin huma klijenti tal-operaturi fis-suq.

47. L-infurzaturi m'għandhomx ikunu influwenzati b'mod inadegwat mill-gvern meta jieħdu deċiżjonijiet bħala parti mill-proċess ta' infurzar, kemm jekk fir-rigward ta' infurzar ex ante jew inkella ex post tal-informazzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, m'għandux ikun possibbli li tinbidel il-kompożizzjoni tal-bord jew ta' korpi deċiżjonali oħrajn tal-infurzatur permezz ta' intervent mill-gvern qabel it-tmiem tal-perjodu li għalih ikunu maħturin il-membri, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu tali azzjonijiet, għaliex dan jista' jagħmel il-proċess ta' infurzar inqas indipendenti.

48. Fir-rigward tal-indipendenza mill-emittenti u l-awdituri, l-infurzaturi għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw indipendenza adegwata, li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' etika għal dawk involuti fil-proċess ta' infurzar, perjodi ta' preklużjoni u l-ħtieġa ta' assigurazzjoni li l-persunal involut fl-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja ma jikser l-ebda rekwiżit ta' indipendenza minħabba relazzjonijiet mal-emittent jew mad-ditta tal-awditjar involuta. Ir-rappreżentanti tal-emittenti u l-awdituri m'għandhomx ikunu kapaċi, flimkien jew individwalment, li jkollhom maġġoranza tal-voti fil-korpi deċiżjonali tal-infurzaturi.

### Approvazzjoni minn qabel

49. **Linja Gwida 4: Fejn hija permessa approvazzjoni minn qabel, din għandha tkun parti minn proċess formali, u pprovduta biss wara li l-emittent u l-awditur tiegħu jkunu ffinalizzaw il-pożizzjoni tagħhom dwar it-trattament kontabilistiku kkonċernat.**

50. L-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja normalment jieħu spunt minn informazzjoni finanzjarja ppubblikata. Għaldaqstant, naturalment, din hija attività ex post li titwettaq skont il-proċeduri ta' eżaminazzjoni indikati f'dawn il-linji gwida u applikati għall-informazzjoni finanzjarja magħżula skont il-kriterji stabbiliti fil-metodi ta' selezzjoni indikati f'dawn il-linji gwida.

51. Madankollu, ċerti infurzaturi għandhom sistema ta' approvazzjoni minn qabel żviluppata sew fejn l-emittenti huma kapaċi jiżguraw deċiżjoni ta' infurzar ex ante, jiġifieri qabel ma jippubblikaw l-informazzjoni finanzjarja rilevanti. Dawn il-linji gwida jipprevedu li ċerti kundizzjonijiet għandhom ikunu fis-seħħ meta l-infurzaturi jużaw l-approvazzjoni minn qabel. B'mod partikolari, l-emittent u l-awditur tiegħu għandhom ikunu ddeterminaw it-trattament kontabilistiku li għandu jiġi applikat abbażi tal-fatti u ċ-ċirkostanzi speċifikati kollha għaliex dan jippermetti li deċiżjoni ta' approvazzjoni minn qabel tkun ibbażata fuq l-istess livell ta' informazzjoni bħal deċiżjoni ex post. Dan jevita li d-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni minn qabel isiru interpretazzjonijiet ġenerali.

52. L-approvazzjoni minn qabel għandha tkun parti minn proċess formali, li jfisser li deċiżjoni proprja tittieħed mill-infurzatur b'mod simili għal dak li bih jittieħdu deċiżjonijiet ex post. Dan jimplika li l-infurzatur m'għandux ikun jista' jibdel il-pożizzjoni tiegħu wara li tiġi ppubblikata l-informazzjoni finanzjarja sakemm ma jkunux inbidlu l-fatti u ċ-ċirkostanzi bejn id-data meta l-infurzatur ikun esprima l-pożizzjoni tiegħu u d-data meta tinħareġ l-informazzjoni finanzjarja, jew ikun hemm bażi sostanzjali oħra biex isir dan. Dan m'għandux jostakola diskussjonijiet oħrajn bejn l-infurzaturi u l-emittenti u l-awdituri tagħhom dwar kwistjonijiet kontabilistiċi sakemm ir-riżultat ma jikkostitwixxix deċiżjoni.

### Metodi ta' Selezzjoni

53. **Linja Gwida 5: L-infurzar normalment juża selezzjoni. Dan il-mudell ta' selezzjoni għandu jkun ibbażat fuq mudell imħallat li bih approċċ ibbażat fuq ir-riskju jingħaqad ma' approċċ ta' kampjunar u rotazzjoni. Approċċ ibbażat fuq ir-riskju għandu jqis ir-riskju ta' dikjarazzjoni skorretta kif ukoll l-impatt ta' dikjarazzjoni skorretta fuq is-swieq finanzjarji. Il-mudell ta' selezzjoni għandu jiżgura li kull emittent jiġi eżaminat tal-inqas darba matul il-perjodu magħżul mill-infurzatur.**

54. Is-selezzjoni għandha tkun ibbażata fuq kombinazzjoni ta' approċċ bbażat fuq ir-riskju, kampjunar aleatorju u rotazzjoni. Approċċ pur ibbażat fuq ir-riskju jfisser li dawk l-emittenti li ma jissodisfawx il-kriterji tar-riskju ddeterminat mill-infurzatur ma jistgħu jkunu qatt soġġetti għall-infurzar. Għandu dejjem ikun hemm il-possibilità li emittent jintgħażel għal reviżjoni. Sistema aleatorja pura tista' tfisser li emittenti b'riskju għoli ma jintgħażlux fil-ħin. L-istess japplika għal sistema ta' rotazzjoni pura u, barra minn hekk, ikun hemm possibilità li emittent ikun jista' jistima meta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu probabbilment intgħażlu.

55. Id-determinazzjoni tar-riskju għandha tkun ibbażata fuq il-kombinazzjoni tal-probabbiltà ta' ksur u l-impatt potenzjali ta' ksur fuq is-swieq finanzjarji. Il-kumplessità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandha tiġi kkunsidrata. Għandhom jitqiesu, sa fejn possibbli, karatteristiċi bħall-profil tar-riskju tal-emittent u l-ġestjoni tiegħu, standards etiċi u esperjenza fil-ġestjoni, u l-kapaċità jew il-volontà tagħhom li japplikaw il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti b'mod korrett, kif ukoll il-livell ta' esperjenza tal-awdituri tal-emittenti mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. Filwaqt li emittenti kbar tipikament jiffaċċjaw kwistjonijiet kontabilistiċi aktar kumplessi, inqas riżorsi u inqas esperjenza fl-applikazzjoni tal-istandards kontabilistiċi jistgħu jkunu aktar prevalenti fost emittenti

żgħar u/jew ġodda. Għalhekk, mhux biss in-numru iżda anke l-karatteristiċi tal-emittenti huma fatturi rilevanti.

56. L-indikazzjonijiet mill-awdituri tad-dikjarazzjonijiet skorretti, kemm jekk fir-rapporti jew inkella mod ieħor, normalment jirriżultaw f'selezzjoni tal-informazzjoni finanzjarja inkwistjoni għal eżaminazzjoni. L-indikazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet skorretti provduti mill-awdituri jew mill-korpi regolatorji kif ukoll ilmenti b'raġuni valida għandhom jitqiesu għall-eżaminazzjonijiet ta' infurzar. Min-naħa l-oħra, opinjoni mhux kwalifikata minn awditur m'għandhiex titqies li tagħti prova tan-nuqqas ta' riskju ta' dikjarazzjoni skorretta. L-eżaminazzjonijiet ta' infurzar għandhom jitqiesu fejn, wara skrutinju preliminari, ilment li jkun ġie riċevut jidher affidabbli u rilevanti għal eżaminazzjoni ta' infurzar possibbli.

57. Sabiex tiġi żgurata konverġenza superviżorja Ewropea, meta jiġu applikati l-kriterji għas-selezzjoni rilevanti, l-infurzaturi għandhom iqisu l-prijoritajiet ta' infurzar komuni identifikati mill-infurzaturi flimkien mal-ESMA.

58. Il-mudelli ta' selezzjoni għandhom jikkonformaw mal-laqgħa superviżorja ta' informazzjoni tal-ESMA dwar is-selezzjoni. Dawn il-kriterji mhumiex pubbliċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li l-emittenti jistgħu jidentifikaw iż-żmien meta dawn isiru soġġetti għal eżaminazzjoni. L-infurzaturi għandhom jikkomunikaw il-fatturi li jintużaw bħala parti mill-metodu ta' selezzjoni nazzjonali tagħhom u kwalunkwe emenda potenzjali sussegwenti lill-ESMA għal finijiet ta' informazzjoni. L-ESMA tiżgura l-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ESMA. Tali informazzjoni sservi bħala bażi għal kwalunkwe żvilupp potenzjali ulterjuri li jista' jkun previst fir-rigward tal-kriterji li jintużaw għall-metodi ta' selezzjoni.

**Proċeduri ta' eżaminazzjoni**

59. **Linja gwida 6: Bħala parti mill-proċess ta' infurzar, l-infurzaturi għandhom jidentifikaw l-aktar mod effettiv biex tiġi infurzata l-informazzjoni finanzjarja. Bħala parti mill-attivitajiet ex-post dwar l-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja ta' emittenti magħżula għall-infurzar, l-infurzaturi jistgħu jużaw:**

**a) eżaminazzjonijiet interattivi bla limitu,**
**b) eżaminazzjonijiet interattivi ffukati,**
**c) eżaminazzjonijiet tad-desktop bla limitu, u**
**d) eżaminazzjonijiet tad-desktop ffukati.**

**Eżaminazzjonijiet interattivi bla limitu għandhom ġeneralment jikkostitwixxu tal-inqas 33 % tal-eżaminazzjonijiet kollha li jittieħdu fi kwalunkwe sena jew ikopru tal-inqas 10 % tal-ammont totali ta' emittenti taħt is-superviżjoni tal-infurzatur fil-bidu tas-sena.**

60. Eżaminazzjonijiet interattivi jinkludu kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-emittent u l-infurzatur fir-rigward tal-informazzjoni finanzjarja li tkun qed tiġi eżaminata. L-interazzjoni bejn l-emittent u l-infurzatur tista' sseħħ, pereżempju, meta l-infurzatur jagħmel mistoqsijiet lill-emittent, ikun jeħtieġ dokumenti ta' sostenn jew iwettaq spezzjonijiet fuq il-post.

61. Eżaminazzjonijiet interattivi għandhom ikunu l-proċedura primarja li tintuża għall-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja, għaldaqstant l-użu ta' eżaminazzjonijiet tad-desktop għandhom ikunu limitati. Barra minn hekk, l-użu waħdu tal-eżaminazzjonijiet interattivi ffukati m'għandux jitqies sodisfaċenti għal finijiet ta' infurzar.

62. Meta infurzatur ma jissodisfa l-ebda wieħed mil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 59 f'sena partikolari, għandu jkun jista' jispjega għalfejn ma setax jissodisfa dawn il-limiti.

63. **Linja Gwida 6a: Il-mudell ta' infurzar ta' infurzatur għandu jkollu l-għan li jivvaluta jekk l-informazzjoni finanzjarja tal-emittenti hijiex f'konformità mal-prinċipji ta' rikonoxximent, kejl, preżentazzjoni u żvelar tal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. Barra minn hekk, l-infurzaturi għandhom jeżaminaw jekk l-informazzjoni finanzjarja inkluża fir-rapport ta' ġestjoni hijiex konsistenti mal-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji u hijiex f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti.**

64. Il-valutazzjoni ta' jekk l-informazzjoni finanzjarja hijiex f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti ma teħtieġx li l-infurzaturi jagħtu assigurazzjoni pożittiva li l-informazzjoni finanzjarja tikkonforma mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti. Madankollu, jekk matul l-eżaminazzjoni tagħha, l-infurzatur jikkonkludi li jkun iltaqa' ma' dikjarazzjoni skorretta materjali jew devjazzjoni immaterjali kif stipulat fil-paragrafu 70 tal-Linja Gwida 7, l-infurzatur għandu japplika l-azzjonijiet ta' infurzar stipulati fil-paragrafu 69 tal-Linja Gwida 7.

65. Il-konklużjonijiet ta' infurzatur wara eżaminazzjoni jistgħu jieħdu waħda mill-forom li ġejjin:

a) Deċiżjoni li mhijiex meħtieġa aktar eżaminazzjoni.

b) Deċiżjoni li biha infurzatur jaċċetta li trattament kontabilistiku speċifiku huwa f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti u li mhija meħtieġa l-ebda azzjoni ta' infurzar

c) Deċiżjoni li biha infurzatur jikkonkludi li trattament kontabilistiku speċifiku mhuwiex f'konformità mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, u jiddetermina jekk jikkostitwixxix dikjarazzjoni skorretta materjali jew devjazzjoni immaterjali, u jekk hijiex meħtieġa azzjoni ta' infurzar.

66. L-infurzaturi għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' eżaminazzjoni meħuda jkunu biżżejjed biex jinkiseb proċess ta' infurzar effettiv u li l-eżaminazzjoni u l-konklużjoni tagħha jiġu ddokumentati b'mod xieraq.

67. **Linja Gwida 6b: Sabiex jiżguraw li l-proċeduri ta' eżaminazzjoni użati u l-konklużjonijiet relatati jkunu robusti, l-infurzaturi għandhom idaħħlu fis-seħħ reviżjonijiet tal-kwalità tal-eżaminazzjonijiet li jkunu saru.**

68. Ir-reviżjonijiet tal-kwalità għandhom jitwettqu minn persunal b'esperjenza rilevanti u b'għarfien espert fil-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti jew fil-kwistjonijiet kontabilistiċi li qed jiġu eżaminati.

**Azzjonijiet ta' infurzar**

69. **Linja gwida 7: Infurzatur għandu juża l-azzjonijiet indikati hawn taħt, fuq inizjattiva tiegħu. Kull meta tinstab dikjarazzjoni skorretta materjali, l-infurzatur għandu jieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin fil-ħin skont il-kunsiderazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 73:**

   a) **jitlob ħruġ mill-ġdid tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji,**
   b) **jitlob nota ta' korrezzjoni, jew**
   c) **jitlob korrezzjoni f'dikjarazzjonijiet finanzjarji futuri b'ridikjarazzjoni ta' komparattivi, fejn rilevanti.**

70. **Fejn devjazzjoni immaterjali mill-qafas tar-rapportar finanzjarju intenzjonalment ma tiġix korretta sabiex tinkiseb preżentazzjoni partikolari ta' pożizzjoni finanzjarja tal-emittent, prestazzjoni finanzjarja jew flussi tal-flus, l-infurzatur għandu jieħu azzjoni xierqa bħallikieku kienet materjali.**

71. **Meta tinsab devjazzjoni immaterjali mill-qafas tar-rapportar finanzjarju iżda jkun hemm riskju sinifikanti li ssir materjali fil-futur, l-infurzatur għandu jinforma lill-emittent dwar id-devjazzjoni.**

72. **Għandhom jintużaw azzjonijiet simili fejn jinsab ksur simili, wara li titqies il-materjalità.**

73. Huma u jiddeċiedu x'tip ta' azzjoni għandha tiġi applikata, l-infurzaturi għandhom iqisu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

   a) Skont is-setgħat eżistenti tal-infurzatur, meta jkun qed jiddeċiedi bejn talba għal ħruġ mill-ġdid tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew nota ta' korrezzjoni, l-objettiv finali huwa li l-investituri għandhom jiġu pprovduti bl-aħjar informazzjoni possibbli u għandha ssir valutazzjoni dwar jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji oriġinali u nota ta' korrezzjoni jipprovdux lill-utenti b'ċarezza suffiċjenti li hija neċessarja għat-teħid ta' deċiżjonijiet jew jekk ħruġ mill-ġdid tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji huwiex l-aħjar soluzzjoni;

   b) Meta jiġi deċiż li tintalab korrezzjoni f'dikjarazzjonijiet finanzjarji futuri jew il-pubblikazzjoni ta' nota ta' korrezzjoni jew ħruġ mill-ġdid bikri tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, għandhom jitqiesu fatturi differenti, jiġifieri:

      - it-twaqqit tad-deċiżjoni: pereżempju, meta d-deċiżjoni tkun qrib ħafna tad-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, tista' tkun xierqa korrezzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji futuri;
      - in-natura tad-deċiżjoni u ċ-ċirkostanzi relatati magħha:
         - meta s-suq ikun infurmat biżżejjed fil-mument tat-teħid tad-deċiżjoni, l-infurzatur jista' jagħżel korrezzjoni f'dikjarazzjonijiet finanzjarji futuri;
         - meta d-deċiżjoni tirrelata sempliċiment mal-mod kif l-informazzjoni tiġi ppreżentata fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji aktar milli mal-

kontenut (eż: l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod ċar fin-noti filwaqt li l-qafas kontabilistiku rilevanti jeħtieġ il-preżentazzjoni fl-ewwel paġna tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji primarji), l-infurzatur jista' jagħżel ukoll korrezzjoni f'dikjarazzjonijiet finanzjarji futuri.

Ir-raġuni għall-pubblikazzjoni f'dikjarazzjonijiet finanzjarji futuri għandha tiġi ddikjarata b'mod ċar fid-deċiżjoni.

74. **Linja gwida 8: Meta tiġi ddeterminata l-materjalità għall-iskop tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja, din għandha tiġi vvalutata skont il-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti li jintuża għat-tħejjija tal-informazzjoni finanzjarja mid-data tar-rapportar tagħha.**

75. **Linja gwida 9: L-infurzaturi għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet li jittieħdu jitwettqu adegwatament mill-emittenti li kontrihom ittieħdu l-azzjonijiet.**

76. Peress li d-dikjarazzjonijiet skorretti materjali jistgħu, skont id-definizzjoni, ikollhom impatt fuq id-deċiżjonijiet tal-investituri u ta' utenti oħrajn tad-dokumenti armonizzati, huwa importanti li dawn ma jiġux infurmati biss li hemm dikjarazzjoni skorretta iżda jiġu provduti wkoll bl-informazzjoni korretta, sakemm mhux imprattikabbli, fil-ħin. Għaldaqstant, meta jittieħdu l-azzjonijiet a) jew b) imsemmijin fil-Linji Gwida 7, l-informazzjoni finanzjarja rilevanti u l-azzjoni li tittieħed għandhom isiru disponibbli, sakemm mhux imprattikabbli, direttament mill-emittent u/jew mill-infurzatur għall-parteċipanti fis-suq.

**Koordinazzjoni Ewropea**

77. **Linja Gwida 10: Sabiex jinkiseb livell għoli ta' armonizzazzjoni fl-infurzar, l-infurzaturi Ewropej għandhom jiddiskutu u jikkondividu l-esperjenza tagħhom dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, prinċipalment l-IFRS, waqt il-laqgħat tal-EECS. Barra minn hekk, l-infurzaturi Ewropej taħt il-koordinazzjoni tal-ESMA għandhom jidentifikaw il-prijoritajiet ta' infurzar komuni kull sena.**

78. Sabiex jinkiseb livell għoli ta' armonizzazzjoni fl-infurzar, l-ESMA stabbilixxiet laqgħat regolati tal-EECS fejn l-infurzaturi Ewropej kollha huma rrappreżentati u għandhom jipparteċipaw.

79. Sabiex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja, l-infurzaturi taħt il-koordinazzjoni tal-ESMA għandhom jidentifikaw kwistjonijiet kontabilistiċi komuni għall-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja fiż-ŻEE li għandhom isiru pubbliċi f'ħin bikri suffiċjenti qabel it-tmiem tal-perjodu ta' rapportar. Filwaqt li l-maġġoranza tal-oqsma għandhom ikunu komuni, ftit minnhom jistgħu ma jkunux rilevanti għall-pajjiżi kollha jew huma speċifiċi għal ċerti industriji. Id-definizzjoni tal-oqsma għandha ssir f'ħin bikri suffiċjenti sabiex l-infurzaturi jkunu jistgħu jinkluduhom fil-programmi ta' infurzar tagħhom bħala oqsma għall-eżaminazzjoni.

80. **Linji gwida 11: Għalkemm ir-responsabbiltà għall-infurzar tibqa' tal-infurzaturi nazzjonali, sabiex tiġi promossa l-armonizzazzjoni tal-prattiki ta' infurzar u sabiex**

**jiġi żgurat approċċ konsistenti qalb l-infurzaturi għall-applikazzjoni tal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti, il-koordinazzjoni tad-deċiżjonijiet ex ante u ex post għandha ssir fl-EECS. L-infurzaturi Ewropej taħt il-koordinazzjoni tal-ESMA għandhom ukoll jidentifikaw kwistjonijiet kontabilistiċi u jipprovdu pariri tekniċi għall-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet u/jew l-opinjonijiet tal-ESMA.**

81. Għalkemm jittieħdu azzjonijiet fuq livell nazzjonali, il-ħolqien ta' suq tat-titoli uniku jimplika l-eżistenza ta' protezzjoni tal-investituri simili fl-Istati Membri kollha. L-infurzar konsistenti tal-informazzjoni finanzjarja fiż-ŻEE jeħtieġ koordinazzjoni u livell għoli ta' armonizzazzjoni tal-azzjonijiet qalb l-infurzaturi. Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq u rigoruż tal-informazzjoni finanzjarja u jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, l-ESMA tippromwovi l-armonizzazzjoni tal-approċċi tal-infurzar permezz tal-koordinazzjoni ta' deċiżjonijiet ex ante u ex post meħudin mill-infurzaturi.

82. Il-ħruġ ta' standards kontabilistiċi u interpretazzjonijiet tal-applikazzjoni tagħhom huwa rriservat lil dawk li jistabbilixxu standards. Għalhekk l-ESMA u l-infurzaturi ma joħorġux gwida ġenerali dwar l-applikazzjoni tal-IFRS lill-emittenti. Madankollu, bħala parti mill-attivitajiet ta' infurzar, l-infurzaturi japplikaw il-ġudizzju tagħhom sabiex jiddeterminaw jekk il-prattiki kontabilistiċi jitqisux bħala li jinsabu fl-ambitu aċċettat kif permess mill-oqfsa tar-rapportar finanzjarju rilevanti.

83. Meta jiġu applikati IFRS, kwistjonijiet kontabilistiċi kontroversjali materjali, kif ukoll ambigwitajiet u kwalunkwe nuqqas ta' gwida speċifika, li jiġu skoperti matul il-proċess ta' infurzar għandhom jiġu kkomunikati mill-ESMA lill-korpi responsabbli għall-istabbiliment tal-istandards u l-interpretazzjoni (jiġifieri, IASB u IFRS IC). Dan huwa l-każ ukoll għal kwalunkwe kwistjoni oħra identifikata li toħloq restrizzjonijiet fl-infurzar waqt il-proċess ta' infurzar.

### Kwistjonijiet emerġenti u deċiżjonijiet

84. **Linja gwida 12: Diskussjoni dwar każijiet fl-EECS tista' sseħħ fuq bażi ex ante (kwistjonijiet emerġenti) jew ex post (deċiżjonijiet). Minbarra f'ċirkostanzi rari fejn id-data ta' skadenza imposta fuq infurzatur tagħmel impossibbli l-preparazzjoni, il-preżentazzjoni u d-diskussjoni mal-EECS qabel ma tittieħed deċiżjoni, kwistjoni kontabilistika għandha titressaq bħala kwistjoni emerġenti fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:**

- **Fejn l-ebda deċiżjoni preċedenti ma tkun ittieħdet minn infurzatur jew fejn ma jkunx hemm deċiżjoni preċedenti fuq kwistjoni kontabilistika partikolari. Dan ma japplikax għal kwistjonijiet li juru ftit mertu tekniku jew fejn l-istandard kontabilistiku jkun ċar u fejn il-ksur ikun ovvju;**
- **Fejn il-kwistjonijiet ta' rapportar finanzjarju jiġu identifikati minn infurzaturi Ewropej jew minn ESMA bħala ta' importanza sinifikanti għas-suq intern;**
- **Meta l-infurzatur ma jaqbilx ma' deċiżjoni preċedenti dwar l-istess kwistjoni kontabilistika; jew**

- **Meta l-infurzatur jidentifika riskju ta' trattamenti differenti b'mod sinifikanti bejn l-emittenti fl-Ewropa.**

**Id-deċiżjonijiet dwar l-infurzar li jittieħdu fuq il-bażi ta' kwistjoni emerġenti għandhom iqisu r-riżultat tad-diskussjoni fl-EECS.**

85. Kwistjoni kontabilistika tista' tiġi ppreżentata bħala kwistjoni emerġenti fejn l-infurzatur ikun qed ifittex aktar gwida minn infurzaturi oħrajn minħabba n-natura kumplessa tal-kwistjoni kontabilistika jew fejn l-infurzatur ikun qed ifittex aktar gwida għaliex il-kwistjoni tista' tqajjem kwistjoni ta' infurzar.

86. Il-kwistjonijiet kontabilistiċi li jinsabu minn infurzatur, minbarra dawk fejn standard ikun ċar, il-ksur ovvju u li fuqhom tkun għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni, għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-ESMA u jiġu diskussi fl-EECS sabiex jiġi żgurat li jittieħed approċċ ta' infurzar konsistenti. Sabiex isir dan, l-infurzaturi għandhom iressqu tali kwistjonijiet għal diskussjoni qabel ma jieħdu deċiżjoni u jqisu r-riżultat tad-diskussjoni fl-EECS. Ir-riżultat għandu jitqies ukoll minn infurzaturi oħrajn. L-ESMA tista' wkoll tressaq kwistjonijiet lill-EECS fil-każ fejn kwistjonijiet ta' rapportar finanzjarju jkunu ta' importanza sinifikanti għas-suq intern.

87. **Linja Gwida 13: Għandha titressaq deċiżjoni lill-EECS jekk id-deċiżjoni tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:**

- **Id-deċiżjoni tirreferi għal kwistjonijiet kontabilistiċi b'mertu tekniku;**
- **Id-deċiżjoni ġiet diskussa bħala kwistjoni emerġenti, sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor matul id-diskussjoni fil-laqgħa tal-EECS;**
- **Id-deċiżjoni se tkun ta' interess għal raġunijiet oħra għal infurzaturi Ewropej oħrajn (dan il-ġudizzju probabbilment jiġi infurmat minn diskussjonijiet tal-EECS);**
- **Id-deċiżjoni tindika lil infurzatur li hemm riskju li qed jiġu applikati trattamenti kontabilistiċi differenti b'mod sinifikanti mill-emittenti;**
- **Id-deċiżjoni probabbilment ikollha impatt sinifikanti fuq emittenti oħrajn;**
- **Id-deċiżjoni tittieħed fuq il-bażi ta' dispożizzjoni mhux koperta minn standard kontabilistiku speċifiku;**
- **Id-deċiżjoni ġiet annullata minn kumitat tal-appelli jew Qorti; jew**
- **Id-deċiżjoni hija apparentament f'kontradizzjoni ma' deċiżjoni preċedenti dwar l-istess kwistjoni kontabilistika jew oħra simili.**

88. Il-kwistjonijiet emerġenti u d-deċiżjonijiet diskussi fl-EECS normalment jirreferu għal dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-IFRS iżda jistgħu jkopru wkoll, pereżempju, rapportar finanzjarju ppreparat skont GAAP li jitqies ekwivalenti mal-IFRS kif approvat mill-UE.

89. Sabiex jiġu żgurati diskussjonijiet effettivi u effiċjenti, il-kwistjonijiet emerġenti u d-deċiżjonijiet għandhom ikunu ċari u fil-qosor iżda jinkludu l-fatti rilevanti kollha, l-argumenti tal-emittent, il-bażi għar-raġunament tal-infurzatur u l-konklużjoni.

90. **Linja Gwida 14: Id-deċiżjonijiet ta' infurzar meħudin mill-infurzaturi għandhom iqisu deċiżjonijiet preċedenti dwar l-istess kwistjoni kontabilistika fejn japplikaw fatti u ċirkostanzi simili. Id-deċiżjonijiet ta' infurzar jinkludu deċiżjonijiet kemm ex ante kif ukoll ex post, kif ukoll ir-riżultat tad-diskussjonijiet fl-EECS fuq deċiżjoni dwar jekk trattament kontabilistiku huwiex f'konformità jew le mal-qafas tar-rapportar finanzjarju rilevanti u l-azzjoni relatata miegħu. Irrispettivament mir-riżultat tad-diskussjoni tal-EECS, id-deċiżjoni finali hija r-responsabbiltà tal-infurzatur nazzjonali.**

91. Sabiex jiġi żgurat reġim ta' infurzar konsistenti fiż-ŻEE, l-infurzaturi għandhom, qabel ma jieħdu deċiżjoni ta' infurzar, ifittxu deċiżjonijiet meħudin minn infurzaturi Ewropej oħrajn fil-bażi ta' *data* tal-EECS u jikkunsidrawhom, peress li dawn għandhom iqisu d-deċiżjonijiet preċedenti tal-infurzatur innifsu dwar l-istess kwistjoni kontabilistika. Dawn huwa l-każ irrispettivament minn jekk id-deċiżjoni titteħidx bħala approvazzjoni minn qabel jew bħala deċiżjoni bbażata fuq dikjarazzjonijiet finanzjarji ppubblikati.

92. Jekk infurzatur biħsiebu jieħu deċiżjoni li apparentement mhijiex konformi ma' deċiżjoni preċedenti jew mar-riżultat ta' diskussjoni dwar kwistjoni emerġenti fuq l-istess kwistjoni kontabilistika jew simili, l-infurzatur għandu jippreżentaha bħala kwistjoni emerġenti. Dan isir sabiex jiġi stabbilit jekk differenzi fil-fatti u ċ-ċirkostanzi jiġġustifikawx deċiżjoni li hija differenti minn dik ta' qabel.

### Rapportar

93. **Linja Gwida 15: Il-kwistjonijiet emerġenti kollha li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kriterji ta' preżentazzjoni msemmijin fil-Linja Gwida 12 għandhom jitressqu lill-ESMA bid-dettalji rilevanti normalment fi żmien ġimagħtejn qabel il-laqgħa tal-EECS fejn se tiġi diskussa.**

94. **Linja Gwida 16: Id-deċiżjonijiet dwar l-infurzar kollha li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kriterji ta' preżentazzjoni msemmijin fil-Linja Gwida 13 għandhom jitressqu lill-ESMA bid-dettalji rilevanti normalment fi żmien tliet xhur wara li tittieħed id-deċiżjoni.**

95. Il-koordinazzjoni fl-EECS għandha tiġi ffaċilitata mill-eżistenza ta' bażi ta' *data*. L-objettiv tal-bażi ta' *data* huwa li tinbena pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni fuq bażi kontinwa. Il-perjodu ta' żmien għall-preżentazzjoni jiġi stabbilit sabiex jiġu evitati ħafna sitwazzjonijiet żejda fejn infurzaturi oħrajn ma jkunux jafu b'deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu diġà u li kellhom jitqiesu fir-rigward ta' deċiżjonijiet sussegwenti. L-ESMA tirrevedi s-sottomissjonijiet kollha għal konsistenza interna, suffiċjenza tal-informazzjoni u użu tat-terminoloġija korretta u tista' teħtieġ preżentazzjoni mill-ġdid jew il-provvista ta' aktar informazzjoni. Wara reviżjoni kompluta, l-ESMA tniżżel id-deċiżjoni dwar l-infurzar fil-bażi ta' *data*.

96. Il-bażi ta' *data* tal-EECS tinkludi r-riżultat tad-diskussjoni li tkun saret matul il-laqgħa. Il-ġestjoni tad-*data* tiżgura li d-deċiżjonijiet li skadew minħabba bidliet fl-istandards kontabilistiċi jitqiegħdu f'taqsima separata u li deċiżjonijiet li jitqiesu bħala mingħajr mertu

tekniku jiġu kklassifikati wkoll f'taqsima separata. L-ESMA hija responsabbli għall-manutenzjoni tal-bażi ta' *data*.

97. **Linja Gwida 17: Sabiex tiġi promossa l-konsistenza fl-applikazzjoni tal-IFRS, l-infurzaturi Ewropej fi ħdan l-ESMA għandhom jiddeċiedu dwar liema deċiżjonijiet inklużi fil-bażi ta' *data* jistgħu jkunu soġġetti għal pubblikazzjoni fuq bażi anonima.**

98. Is-selezzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-infurzar tal-IFRS li għandha tiġi ppubblikata għandha ssir minn infurzaturi taħt il-koordinazzjoni tal-ESMA. Id-deċiżjonijiet magħżulin għall-pubblikazzjoni għandhom jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

- Id-deċiżjoni tirreferi għal kwistjoni kontabilistika kumplessa jew kwistjoni li tista' twassal għal applikazzjonijiet differenti tal-IFRS; jew
- Id-deċiżjoni hija relatata ma' kwistjoni relattivament popolari qalb l-emittenti jew f'ċertu tip ta' negozju u, b'hekk, tista' tkun ta' interess għal infurzaturi oħrajn jew partijiet terzi; jew
- Id-deċiżjoni hija dwar kwistjoni li fuqha m'hemm l-ebda esperjenza jew li fuqha l-infurzaturi għandhom esperjenzi inkonsistenti; jew
- Id-deċiżjoni ttieħdet fuq il-bażi ta' dispożizzjoni mhux koperta minn standard kontabilistiku speċifiku.

99. **Linja Gwida 18: L-infurzaturi Ewropej għandhom jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet ta' infurzar fuq livell nazzjonali u jipprovdu lill-ESMA bl-informazzjoni neċessarja għar-rapportar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' infurzar imwettqa fuq livell Ewropew.**

100. L-infurzaturi għandhom jinfurmaw perjodikament lill-pubbliku dwar il-politiki ta' infurzar adottati u d-deċiżjonijiet meħudin f'każijiet individwali inklużi kwistjonijiet kontabilistiċi u ta' żvelar. Huwa f'idejn l-infurzatur jekk jirrapportax dwar dawn il-kwistjonijiet fuq bażi anonima jew mhux anonima.

101. L-infurzaturi Ewropej għandhom jirrapportaw għand l-ESMA kwalunkwe sejba u deċiżjoni dwar l-infurzar relatati mal-prijoritajiet ta' infurzar komuni, kif identifikati skont il-Linja Gwida Nru 10. Dawn, flimkien ma' attivitajiet oħra rilevanti għall-koordinazzjoni Ewropea, huma ppubblikati mill-ESMA fir-rapport tal-attività tagħha dwar l-infurzar.